MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 244/1998/1

**Avviz Nru:- 244/98**

**Moby Rentals Limited**

**vs**

**Dr. Michael Gialanze**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mija u disgha liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm190.49) dovuti mill-konvenut bhala prezz tal-kiri ta' tlett vetturi mikrija lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 1997, u bl-imghaxijiet legali relattivi kalkolabbli b'effett

mid-data tal-eghluq tal-kiri tal-vetturi sal-pagament effettiv. Bil-konvenut li gie ngunt ghas-

subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-esponenti mhuwiex debitur taghha.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process u;

Ikkunsidrat:

Illi l-pretensjoni attrici li tirrizulta mid-deposizzjoni ta’ Felix Mifsud, direttur tal-kumpanija attrici hija illi ghalkemm il-vetturi indikati fid-deposizzjoni tieghu u ta’ liema ipprezenta l-kuntratti relattivi kienu gew mikrija lil terzi persuni, kien il-konvenut Dr. Michael Gialanze illi kien assuma r-responsabbilta’ ghall-hlas u kien iggarantixxa illi huwa jaghmel tajjeb ghall-ammonti dovuti fuq it-tlett kuntratti ta’ kiri tal-vetturi in kwistjoni.

In fatti l-istess Felix Mifsud ikkonferma illi dan il-‘modus operandi’ kien anke’ gie segwit f’kuntratti ohra precedenti dwar kiri ta’ vetturi kull ri strangieri illi Dr. Michael Gialanze kien jistieden f’Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut fid-deposizzjoni tieghu, ghalkemm fil-bidu kien ikkontesta illi huwa ma kellu ebda ftehim tali ma’ l-atturi, in kontroezami ibbaza d-difiza tieghu esklussivament fuq il-fatt illi huwa kien hallas lill-kumpanija attrici fl-24 ta’ April 1997 somma ta’ elfejn lira permezz ta’ cekk, liema somma kienet intiza biex taghmel

tajjeb ghal dak kollu li huwa kellu jaghti lill-kumpanija attrici.

Billi c-cekk in kwistjoni kien indirizzat lil Felix Mifsud personalment u mhux lill-kumpanija attrici Moby Rentals Limited, il-konvenut sostna illi huwa kellu negozju ohra ma' Felix Mifsud personalment u dwar il-kiri tal-karozzi huwa qatt ma kien jaf illi dan il-kiri kien qed jigi gestit minn xi kumpanija, izda kien dejjem bl-impressjoni illi dan kien qed jigi gestit ukoll minn Felix Mifsud personalment.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet, il-Qorti bilfors trid taccetta dik moghtija minn Felix Mifsud, direttur tal-kumpanija attrici, peress illi l-konvenut naqas illi jaghti ebda spjegazzjoni ta' kif giet tammonta s-somma ta' elfejn lira, fis-sens illi ma spjegax x'kienu l-partiti ta' flus illi huwa kellu jaghti lill-attur u li b'kollox ammontaw ghas-somma ta' elfejn lira u;

Fit-tieni lok ma hiex spjegazzjoni sodisfacenti illi jghid illi ma kienx jaf illi l-kiri tal-karozzi kien qed jigi gestit mill-kumpanija Moby Rentals Limited.  Infatti ddikjara illi f'okkazzjonijiet qabel kien ghamel pagamenti lill-kumpanija attrici dwar kiri tal-vetturi.  Billi fuq il-kuntratti relattivi hemm ukoll l-intestatura ta' Moby Rentals Limited, il-kumpanija attrici, mhux bizzejjed illi huwa jallega biss illi ma kienx jaf illi n-negozju tal-kiri tal-karozzi kien gestit mill-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mija u disghin liri Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm190.49) indikati fl-avviz u ghar-ragunijiet hemmm moghtija.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 ta' Frar 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------